MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 448/2003

**Pauline Chircop**

**vs**

**Robert Chircop**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta fit-tnejn u ghoxrin (22) t'April tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) f'Malta, (Dok "A") minn liema zwieg kellhom tifla unika, Jeunesse, li twieldet fit-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999);

U illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali ta' l-istess;

U illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

U illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

U illi ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) ta' l-artikolu dsatax (19) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f'Malta fl-22 t'April 1995 huwa null u bla effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) ta' l-artikolu dsatax (19) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv (Dok "A").

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-attrici fit-30 ta' Mejju 2003 fejn il-Qorti pprefiggietilha terminu ta' disghin (90) gurnata

lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu.

Rat il-verbal tat-23 t'Ottubru 2003 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici obbligat ruhha li fi zmien ghoxrin (20) gurnata tesebixxi l-affidavits kollha ta' l-attrici. Il-konvenut minkejja li kien notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. In vista ta' dan il-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat li l-konvenut baqa' ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet minkejja li gie notifkat, u ghaldaqstant baqa' kontumaci.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 7 ta' Novembru 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess, dak ta' ommha Margaret Attard u iehor ta' Joseph Doublet flimkien ma' xi dokumenti ohra.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenut huwa kontumaci xorta wahda din il-Qorti hi obbligata li tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat mill-attrici jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Iz-zwieg hu stituzzjoni ferm importanti ghall-istabbilita' socjali; zwieg debitament registrat skond id-dispozizzjonijiet relattivi tal-**Kodici Civili** hu prezunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u anke li kieku hawn *si tratta* ta' ammissjoni ghal kollox u bla ebda kundizzjoni tat-talba attrici (**artikolu 158 (2) Kap 12**) din il-Qorti ma tkunx ezonerata f'kaz ta' kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (**"Carmel *sive* Charles Camilleri vs Teresa**

**Camilleri"** – P.A. (VDG) - 3 ta' Ottubru 1995 - Cit. Nru. 1264/94).

Illi l-attrici qed tibbaza t-talbiet taghha wkoll a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Illi dawn l-artikoli jaqraw hekk:-

**Artikolu 19 (1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255**.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** jinghad li l-kuncett tad-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly*.

*Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he*

*has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage …….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity……"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in ***"*L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gja` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and*

*duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* (***Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** (Montreal, 1993) p. 686).

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

**<u>(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-partijiet izzewgu fit-22 t'April 1995, meta l-attrici kellha biss tmintax-il sena u l-partijiet iltaqghu meta hija kellha sittax-il sena. Ix-xhieda li din il-Qorti kellha timxi fuqhom kienet biss dik prodotta

mill-attrici peress li l-konvenut baqa' kontumaci u ma pprezenta ebda nota t'eccezzjonijiet.

Illi meta wiehed ihares lejn ix-xhieda prodotta mill-attrici jirrizulta li l-partijiet izzewgu wara *circa* sentejn biss li kienu ltaqghu, u l-attrici kienet ta' eta' zghira hafna. Hija kienet harget tqila mir-relazzjoni taghha mal-konvenut fi Frar 1995. Sfortunatament l-attrici kienet korriet ghalkemm mill-istess affidavit taghha jidher li d-decizjoni li jsir dan iz-zwieg kienet dettata wkoll minn din it-tqala, tant li hija tghid li ommha kienet qaltilha li fi zmien xahar u nofs kellha tizzewweg. Fil-fatt dan iz-zwieg sar kif inghad fit-22 t'April 1995. Kien appuntu l-ghada taz-zwieg li hija korriet. Illi apparti dan mix-xhieda ta' l-attrici jirrizulta li hija tallega li l-konvenut tul il-konvivenza taghha mieghu ma kienx jaghti kazha. Kien mohhu biss biss fl-affarijiet tieghu, kien jigi dettat minn ommu x'ghandu jaghmel u kellu ndhil simili. Dan apparti illi takkuza lill-konvenut li kellu diversi relazzjonijiet extra-maritali ma' diversi nisa, fosthom certu Julie, certu Dorothy Catania, u certu Tania Buttigieg. Dan minkejja li l-istess konvenut kien anke jerfa' jdejh fuq l-attrici kif jirrizulta wkoll minn certifikati medici minnha esebiti, wiehed minnhom datat 18 ta' Gunju 2001 u iehor datat 27 ta' Settembru 2001.

Illi jirrizulta wkoll li minhabba dan id-dizgwid il-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali f'aktar minn okkazjoni wahda, sa ma fl-ahhar abbandunaha ghal kollox. *Nonostante* li l-partijiet ghandhom tifla li llum ghandha *circa* erba' snin, l-istess konvenut qatt ma ndenja ruhu jmantni l-istess tifla.

Illi minn dan kollu jirrizulta fl-ewwel lok li l-attrici zzewget lill-konvenut principalment peress li kienet tqila, u wkoll f'dak l-istat li kienet, u fir-relazzjoni taghha mal-konvenut jidher li ma kienx possibbli ghaliha f'dak l-istadju tal-hajja taghha li jkollha d-diskrezzjoni ta' gudizzju necessarja sabiex tikkommetti ruhha ghar-relazzjoni fiz-zwieg, u ghalhekk ma kienx possibbli li hija tifhem il-konsegwenzi kollha ta' l-istess impenn u dmirijiet u obbligi naxxenti mill-istess. Il-pressjoni tal-genituri taghha wara li harget tqila, u t-tqala nfisha certament m'ghenux kemm f'dan l-isfond u

kemm fil-kuntest tal-liberta’ volittiva ta’ l-istess attrici sabiex b’mod mill-aktar liberu taghzel it-triq taghha, u tidhol f’impenn tenut skond il-ligi taghna bhala ndissolubbli u permanenti. F’dan il-kuntest il-kunsens ta’ l-attrici kien ovvjament vizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**.

Illi min-naha tal-konvenut wiehed jinnota li l-verzjoni tieghu ma gietx prodotta, izda madankollu mix-xhieda prodotta jidher bla ebda dubju li l-istess konvenut hass l-istess pressjoni minhabba t-tqala ta’ l-attrici, u certament kien dan li nfluwixxa wkoll fuq id-decizjoni tieghu li jizzewwigha f’terminu hekk qasir. Pero’ fil-kaz tal-konvenut mhux hekk biss izda jidher li huwa bl-ebda mod ma assuma mpenn sabiex jagixxi kif rikjest f’ghaqda ta’ zwieg, tant li mix-xhieda ta’ l-attrici jirrizulta li l-istess konvenut kien ghal kollox irresponsabbli fl-atteggjament tieghu lejha u qatt ma assuma l-obbligi tieghu, la bhala ragel mizzewweg ta’ l-attrici u lanqas bhala missier tal-minuri li twieldet frott l-istess relazzjoni.

Illi jidher car mill-provi sottomessi quddiem il-Qorti li l-konvenut ried jibqa’ jghix hajja ghal kollox libera minn kull rabta u obbligu ta’ zwieg, tant li jidher li kellu diversi relazzjonijiet extra-maritali, ma kienx jirrispetta lill-attrici u lanqas fil-minimu ta’ dinjita’ ta’ mara, tant li anke refa’ jdejh diversi drabi fuq l-istess martu, u wkoll qatt ma assuma l-obbligi naxxenti mill-istess relazzjoni ta’ manteniment lejn l-istess attrici u lejn bintu.

Illi tant hu konsistenti mill-provi dan l-inkwadru ta’ l-atteggjament tal-konvenut li din il-Qorti thoss li tali komportament tieghu juri bic-car li huwa qatt ma kien lest li jassumi l-obbligi essenzjali u bazilari ta’ ragel mizzewweg, inkluzi dawk l-obbligi ta’ fedelta’, rispett u mhabba lejn martu. Ghalhekk fil-kuntest ta’ l-istess din il-Qorti thoss li gie ppruvat mill-attrici li l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-ligijiet ta’ Malta**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f'Malta fit-22 t'April 1995 huwa null u bla effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-**sub-incizi (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) ta' l-artikolu dsatax (19) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** u dan a bazi tar-responsabbiltajiet rispettivi tal-partijiet kif fuq indikata, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn l-istess partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------